# Mostin Tesserati fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista (PDN)

**Kitba ta' Sergio GRECH**



Fl-annwal tas-sena li għaddiet tajt tagħrif ġdid dwar sehem Arthur Barbaro-Sant fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista[1] F'din il-ħarġa, se nagħti ħarsa u nipprovdi għall-ewwel darba, mill-kotba tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista, lista ta' tesserati residenti l-Mosta fil-partit imsemmi fil-perjodu li dan kien politikament attiv.

Il-perjodu in kwistjoni huwa dak ta' bejn l-1958 u l-1966. Perjodu mill-iktar imqanqal fl-istorja ta' Malta li matulu mxiet mill-kolonizzazzjoni sfurzata għad-dekolonizzazzjoni mixtieqa. Din l-informazzjoni hija meħuda mill-volum *PDN Tesserati Volum 4*, li hemm arkivjat fil-Librerija tal-Università ta' Malta li oriġinarjament kien parti mill-Arkivji privati ta' Dr Albert Ganado, li kien attur ta' ċerta importanza fil-partit u fil-perjodu imsemmi. L-istess Albert Ganado kien ikkontesta fuq il-Mosta fl-elezzjoni tal-1962.

F'din il-kitba sibt l-appoġġ ta' Frans Deguara, Giovann de Martino u Emily Barbaro-Sant. Bla dubju għenuni biex nimla ħafna ħofor li kelli fir-riċerka tiegħi anki minħabba l-provenjenza tiegħi.

### Il-Partit Demokratiku Nazzjonalista (PDN)

Kif rajna fl-artiklu tas-sena li għaddiet, fit-22 ta' Mejju 1958, l-Avukat Herbert Ganado, li matul it-Tieni Gwerra, kien internat fl-Uganda, tkeċċa mill-Partit Nazzjonalista minħabba l-pożizzjonijiet tiegħu kontra t-tmexxija tal-Kap Ġorġ Borg Olivier.[2] Bħala reazzjoni għal din it-tkeċċija, l-Avukat Herbert Ganado ma baqax b'idu fuq żaqqu u sa Ottubru 1958, kien waqqaf il-Partit Demokratiku Nazzjonalista (PDN) – pass li kellu wkoll l-approvazzjoni ta' Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi.

Fit-30 t'Ottubru 1958, kienet ingħatat konferenza stampa mid-diriġenti tal-partit il-ġdid dwar it-twaqqif tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista. Fil-minuti tal-PDN, tniżżel li għal din il-konferenza kien hemm rappreżentanti lokali u anki esteri u li r-rappurtaġġ tal-avveniment kien wieħed tajjeb. Is-sena 1958 kienet waħda kruċjali għaliex Malta tilfet il-jedd li jkollha gvern rappreżentattiv lokali u minkejja l-wegħdiet tal-Gvernatur Robert Laycock li kellha tissejjaħ elezzjoni, il-biċċa ġġebdet sal-1962 meta ssejħet elezzjoni ġdida.



*Herbert Ganado (1906-1975)*

### L-ewwel tesserati fil-PDN

Sa nofs Diċembru 1958, il-PDN kellu fil-lista tiegħu 141 membru tesserat miktub.[3] Mill-Belt kien hemm 40 tesserat u minn Tas-Sliema kien hemm 29. Mill-Furjana kien hemm 27 tesserat ieħor u mill-Ħamrun il-PDN kellu 25. Għaxra oħra kienu residenti r-Rabat, Malta. Fil-każ tal-Belt, il-lista finali fi ftit xhur titla' għal 63 tesserat.



*Arthur Barbaro-Sant jassisti lill-Prinċep Charles jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi ta' 'Lourdes Home', Għawdex, fil-5 ta' Lulju, 1968.*
*(kortesija Times of Malta)*

Dwar it-tesserament fil-PDN, kien ġie deċiż li kull membru jħallas lira sterlina (€1.14ċ.) fis-sena. Kien ġie deċiż li min-numri 1 sal-100 tat-tesseri jkunu riservati għall-membri fundaturi tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista.

Bħala Kap, Herbert Ganado kellu t-tessera numru 1. L-Avukat Riccardo Farrugia kien bit-tessera numru 2. L-Ispiżjar Gaetano Farrugia, id-Deputat Kap, kellu t-tessera numru 3. Għal Antonio Pace, in-negozjant, ġiet riservata t-tessera numru 4. Arthur Barbaro-Sant kellu t-tessera numru 9. Kienu wkoll ġew stampati mitejn kopja tal-istatut tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista. Kopji tal-istatut imsemmi inbiegħu 6 soldi.

### Profil tat-tesserati fil-PDN

Meta wieħed jikkonsulta l-ktieb tat-tesserament jintebaħ li kien hemm firxa interessanti ta' membri b'qawsalla ta' professjonijiet u xogħlijiet, jiġifieri l-membri tal-partit ta' Ganado kienu ġejjin mill-istrati kollha tal-ħajja u tista' tgħid mill-inħawi kollha ta' Malta u Għawdex[4] Għalkemm it-tesserament f'Għawdex kien inqas minn Malta.[5]

Għawdex żgur li kien qed jaħdem għall-partit ta' Ganado, il-Patri Agostinjan Serafin Borg. Dwar dan tajt iktar tagħrif fil-bijografija ta' Patri Feliċjan Bilocca.[6] F'Għawdex nafu li kien tesserat ukoll Giuseppe Grima tal-Patrun, is-sagristan tal-knisja ta' Ta' Sannat.



Patri Serafin Borg OSA (1932-2011)



Wistin Camilleri (1885-1979), li fost xogħlijiet oħra ħadem il-korp ta' Kristu Mejjet tal-Monument tal-Mosta.

Jispikkaw ċerti ismijiet ta' personalitajiet li kienu attivi fis-soċjetà Maltija li kienu ssieħbu fil-partit Ganadjan bħall-iskultur Wistin Camilleri, l-Avukat Vincenzo Maria Pellegrini (tessera numru 222), in-negozjant Salvinu Said (numru 699), in-negozjant l-Avukat Philip Attard Montalto mir-Rabat (tessera 689) u l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi (705) mir-Rabat Għawdex, magħruf ukoll għall-kitba letterarja fosthom il-poeżija li jafu l-biċċa l-kbira tal-Maltin 'Għandi Pupa'.[7]

Kien hemm membri fil-PDN li kienu skrivani (Antoine R. Camilleri kien skrivan man-*National Bank*), bennejja, għalliema, arġentiera (Michael Grech mill-Belt bit-tessera 69), xufiera tal-linja (George Vella bit-tessera 380), *bus inspectors, accountants* (John Laferla kien *accountant* man-*National Bank* bit-tessera 123), spetturi sanitarji (Joseph Rossi tessera 148), tobba (Victor Randon u Edward Gatt kienu *District Medical Officer* bin-numri 186 u 187 rispettivament), bdiewa, telegrafisti (Alessio Sammut bit-tessera 255 u Oliver Wirth bit-tessera 242), mastrudaxxi, *salesman*, messaġġiera, *fitters, storekeepers,* baħrin u professjonijiet oħrajn.[8] Kif wieħed jistenna kien hemm ukoll konċentrazzjoni ta'avukati tesserati kif ukoll numru ta' negozjanti.

### Ir-residenti Mostin tesserati fil-PDN

Jidher li b'kollox, reġistrati kien hemm 22 membru tesserrat mill-Mosta fil-PDN li kienu jinqasmu fit-tabella hawn taħt.[9]

Il-professjoni ġiet inkluża hawn kif tniżżlet fil-ktieb tat-tesserament. Xi drabi tniżżlu bil-Malti u bl-Ingliż. F'każ minnhom il-kitba kienet illeġibbli u għalhekk tpoġġa l-punt interrogattiv.

### Xi kummenti bijografiċi limitati dwar uħud mill-Imsieħba Mostin

* **Joseph Bezzina**, iben Franġisk li kellu x-xarabank bin-numru 777. Dan il-mezz tat-trasport kienu isuqu wkoll ibnu Pawlu, u kellu tifel ieħor li kien kunduttur. Kellhom ukoll kuġin, Manwel Bezzina, li l-Mosta kienu jafuh bħala 'Leli l-Baxa' li kien isuq ix-xarabank numru 2821. Joe kien jgħin ħafna lil Dun Anġ Camilleri meta kienu jippubblikaw il-gazzetta *Il-Mosta*.

| *Isem it-Tesserat* | *Triq fejn kien joqgħod* | *Xogħol it-Tesserat* | *Nru Tessera* |
|---|---|---|---|
| Giovann De Martino | New Street in Callus Street | Teacher | 531 |
| John Fenech | Bridge Street | Technician Education Department | 548 |
| Dr Leslie Grech | Villa Grech Mifsud | Avukat | 628 |
| Joseph Cauchi | Triq il-Kungress Ewkaristiku | Skrivan | 657 |
| Joseph Camilleri | Hope Street | Grocer | 658 |
| Nazzareno Grima | Brittania Square | Bidwi | 659 |
| Peter Bourke | Parish Street | ? | 660 |
| Gio Maria Muscat | St John Street | Carpenter | 661 |
| Giovanni Azzopardi | Water Street | Driver | 662 |
| Nazzarenu Deguara | Amato Calleja Street | Waterman | 663 |
| Simon Chetcuti | Tower Road | Driver | 664 |
| Antonio Sant | Triq il-Kostituzzjoni | Fin-negozju | 665 |
| Giuseppe Grima | Tower Road | Farmer | 666 |
| Louis Fenech | Ponsonby Street | Lotto Reciever | 667 |
| Giuseppe Said | Main Street | Farmer | 668 |
| Francis Sammut | Callus Street | Farmer | 669 |
| Carmelo Calleja | ???? | Gabillot | 670 |
| A.E. Cutogno | Triq il-Kostituzzjoni | Perit | 671 |
| Joseph Bezzina | Bridge Street | Bus driver | 675 |
| Domenici Schembri | Tower Street | Electrician | 676 |
| Carmelo Saliba | Bistra Lane | Stone Dresser | 680 |
| Giuseppe Vassallo | Orchard Street | Bir-raba' | 692 |

* **Peter Bourke** kien ikun dejjem ma' Dun Anġ Dingli meta dan kien Viċi Arċipriet fil-Mosta. Fil-Mosta ssemmiet triq għal Dingli.

* **Joseph Cauchi** kien jaħdem bħala skrivan, u kien imexxi l-uffiċċju tal-posta fil-Mosta. Kien President tal-*Mosta Football Club* (li twaqqaf fl-1935), meta akkwistaw il-każin li għandhom illum fis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor.[10] Kien ukoll President tal-Każin tal-Banda Nicolò Isouard (l-ewwel soċjetà fil-Mosta) għal aktar minn 20 sena u kien il-moħħ meta tkabbar il-każin fl-1980.[11] Kien President darbtejn - bejn l-1958 u l-1960 u mill-1978 sal-2000.


*Joe (Ġużè) Cauchi (1929-2008), li kien President tas-Soċ. Filarmonika Nicolò Isouard bejn 1958/60 u 1978/2000. (pittura ta' Ray Pitrè fil-Każin Nicolò Isouard)*

* **Nazzarenu Deguara** kien joqgħod fi Triq il-Kurat Calleja. Imwieled il-Mosta, kien jaħdem bħala bidwi u *watchman*. Kien il-kbir minn ħdax aħwa, miżżewweġ lil Evanġelista, u kellhom għaxar ulied.

* **Giovann De Martino**, flimkien mal-familja, ġie l-Mosta mill-Isla fi żmien il-gwerra. Fl-Isla, il-familja kienet toqgħod f'dar f'tarf tat-triq li dak iż-żmien kienet tissejjaħ Strada San Giuseppe. De Martino beda jgħix il-Mosta mill-11 ta' Ġunju, 1940. Kienu familja ta' tmienja u kienu joqogħdu fil-forn ta' Ġużepp Fenech, Ta' Xommu. Floku, illum hemm is-sorijiet tal-Agostinjani u d-dar tax-xjuħ *Pax et Bonum* fi Triq Ġilormu Cassar. Ġużepp kellu tmien ulied u tnejn minnhom, Ġuża u Wiġi, iżżewġu lil ħut Giovann, Salvu u Rożina. Giovann iżżewweġ lin-neputija tagħhom, Maria Riolo mill-Mosta. Missier u ħu Giovann kienu jaħdmu t-Tarzna. Missieru Rafel il-Gamblu kien *shipwright* u wara x-xogħol kien jaħdem il-frejgatini. Wieħed mill-aħwa De Martino, Karmenu, kien Superjur tal-Mużew u kien ħadem m'oħrajn biex iwaqqfu l-qasam tal-Mosta. De Martino issieħeb biex jagħti daqqa t'id lill-Avukat Herbert Ganado grazzi għall-imbuttatura ta' Dr Leslie Grech. De Martino kien jikteb fil-*Malta Tagħna* u jiffirma Rommel.


*12 ta' Mejju, 1957: il-koppja Maria u Giovann u DeMartino (1932- ) fil-jum tat-tieġ tagħhom.*

* **John Fenech** kien attiv fil-Leġjun ta' Marija. Kien iħobb il-mużika lirika u Naplitana, speċjalment lil Beniamino Gigli. Sa kellu mużew ta' B. Gigli u meta kien imur l-Italja kien jiltaqa' ma' xi dixxendenti ta' dan it-tenur. Kellu kollezzjoni tad-diski kollha tiegħu u ħafna affarijiet oħra li kellhom konnessjoni miegħu. Saħansitra kellu d-*death mask* ta' Gigli li kien irregalaha lill-mużew ta' Recanati, raħal Gigli. Meta Dr Ugo Mifsud Bonnici kien Ministru tal-Edukazzjoni, kienet saret kommemorazzjoni ta' dan it-tenur u kważi l-esebiti kollha kienu ta' John Fenech. Kien *instructor* fit-*Technical School*. Kien irregala lis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard kwartin tal-bandist veteran Antonio Mercieca, li kien jiġi z-ziju tiegħu. Iżżewweġ lil Doris Calleja mill-Mosta.


*John Fenech (1935-2006)*

* **Louis Fenech** kellu banka tal-lottu. Kien magħruf bħala Wiġi tal-Lottu u kellu l-banka eżatt quddiem ir-Rotunda (illum Bażilika) tal-Mosta. Kien bin Ġużepp, li laqa' l-familja De Martino mill-Isla. Fenech kien iżżewweġ lil oħt Giovann De Martino. Għamel żmien jaħdem bħala skrivan mal-gvern fl-uffiċċini li kien hemm Bormla, qabel tidħol l-Isla. Fl-antik kien hemm il-pitkali hemm. Louis kien jipparteċipa fil-kumitat lokali tal-PN u kien Dr Leslie Grech li ġibdu lejn il-PDN. Kien bandist mal-Banda Nicolò Isouard, u kien idoqq is-sassofonu. Ħu Fenech kien Mons. Alan Fenech, li fost l-oħrajn kien serva bħala l-ewwel kappillan tal-Munxar, Għawdex, u li fil-Mosta ssemmiet triq għall-memorja tiegħu. Fenech, eks-patri Dumnikan, ħa l-pussess tal-parroċċa tal-Munxar fit-8 ta' Marzu 1959, minn Mons. Mikiel Cefai, delegat tal-Isqof Ġużeppi Pace.[12] Fis-sitt snin li dam il-Munxar, Mons. Fenech irranġa d-dar tal-kappillan, saru l-gandlieri tal-bronż għall-artali kollha u waqqaf il-fratellanza tar-Rużarju.[13] Sar wkoll fonti tal-Magħmudija tal-irħam.[14]


*Louis Fenech (1914-1974), li kien magħruf bħal "Wiġi tal-Lottu" għax kellu banka tal-lottu.*

* **Dr Leslie Grech**, bin l-avukat u l-ewwel pilota tal-ajruplan Malti Wyndham Grech,[15] kien kandidat fl-elezzjoni tal-1962 fuq il-lista tal-PDN. Dixxendenti tal-familja Grech Mifsud – familja importanti ħafna fil-Mosta, li minn dejjem kellha relazzjoni mill-qrib mal-kleru Mosti. Dr Grech kien ukoll fl-eżekuttiv tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista. Familtu kienet tgħix bieb ma' bieb mal-Każin tal-Banda Nicolò Isouard u huma wkoll is-sidien attwali tal-każin f'numru 240, Triq il-Kbira, il-Mosta. Fl-antik, bejn l-1912 u l-1915, kien hemm ukoll President tal-Banda mill-familja Grech Mifsud - Dr Oreste Grech Mifsud LL.D, C.M.G., li kien ukoll President tal-Kamra tal-Avukati.[16] Fost ħut Leslie hemm Mons. Maurice Grech, li kien qatta' ħafna snin *chaplain* mal-militar Ingliż. Fil-villa tal-



*13 ta' Mejju 1962, (mix-xellug): l-Onor. Avukat Herbert Ganado (dak iż-żmien kien M.P. u Membru tal-Assemblea Leġiżlattiva); il-Komm. Antonio Agius (il-papà tal-għarusa); il-koppja Emily u Arthur Barbaro-Sant dei Marchesi di San Giorgio; l-Avukat Leslie Grech 'Barrister-at-Law' u xhud ta' Arthur; u l-Prokuratur Legali Joe Caruana Montalto bħala 'Best Man'. (kortesija Emily Barbaro-Sant)*

familja mhux darba u tnejn li ntlaqgħu dinjitarji li żaru l-Mosta. De Martino kien jagħmilha speċi ta' segretarju għal Grech u kien jittajpjalu xi diskorsi.

* **Francis Sammut** ta' Callus Street kien bidwi fultajm. Iżżewweġ kbir. Il-Mostin kienu jafuh bħala Frè jew Ċikku ta' Lebilba jew Ċikku taz-Zija Tereż.

* **Il-Perit Arthur Cotugno** kellu uffiċċju fi Triq il-Kostituzzjoni, imma maż-żmien telaq lejn Tas-Sliema. Fost ix-xogħlijiet li għamel kien responsabbli mit-tkabbir tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù meta Dun Anġ Camilleri kien iddeċieda li jibni l-klassijiet għad-duttrina fis-sular ta' fuq, fuq iż-żewġ naħat tal-kappella.[17]

### Il-voti tal-Mostin lill-PDN

Mistoqsija pertitenti f'dan l-istadju hija l-appoġġ tal-Mostin jew tal-inqas tad-distrett li fih tagħmel parti l-Mosta versu l-PDN. Fl-elezzjoni tal-1962, il-Mosta kienet tifforma parti mid-disa' distrett li kien magħmul ukoll mill-Imdina, il-Mellieħa, l-Imġarr, ir-Rabat u San Pawl il-Baħar.[18]

Il-PDN kellu xejn inqas minn 6 kandidati fuq dak id-distrett: Arthur Edmond Agius, l-Avukat Joseph Attard Montaldo, l-Avukat Albert Ganado, Amabile Grech, l-Avukat Leslie Grech, u Paola Muscat.[19] Muscat kienet waħda mill-ftit nisa li kkontestaw dik l-elezzjoni u jidher li l-Azzjoni Kattolika, kienet imbuttat tal-inqas indirettament il-kandidatura tagħha. Nafu li biss biss kienu ferħulha tal-pass li għamlet li tikkontesta l-elezzjoni. Ħafna kienu raw dik l-elezzjoni bħala waħda kruċjali li tista' teħles lil Malta minn futur Komunista.

Fid-disa' distrett kienet ikkontestat ukoll Mabel Strickland għall-Partit Kostituzzjonali Progressiv li ma telgħetx minn dak id-distrett. Il-Kap tal-Partit Nazzjonalista Giorgio Borg Olivier kien ikkontesta wkoll fl-istess distrett iżda ma telax minnu. Borg Olivier kellu dar tal-villeġġjatura viċin it-torri ta' San Pawl. F'dik l-elezzjoni, Herbert Ganado tela' minn żewġ distretti elettorali.

Fost il-kandidati Laburisti, ikkontestaw id-distrett in-Nutar Ġużè Abela, Evelyn Bonaci u Pawlu Xuereb. Kien ikkontesta wkoll b'suċċess it-Tabib Daniel Micallef li f'dik l-elezzjoni kien ħareġ mal-Partit tal-Ħaddiema Nsara mmexxi minn Toni Pellegrini. Il-Partit Demokratiku Nisrani mmexxi minn George Ransley kellu kandidat wieħed.

Il-PDN ma tella' lil ħadd mid-distrett iżda f'dik l-elezzjoni tal-1962, il-PDN kien tella' 4 deputati minn assemblea ta' 50.[20] L-aħjar li marru fid-disa' distrett mill-boton tal-PDN kienu l-Avukat Albert Ganado u warajh l-Avukat Leslie Grech.[21]

Min-notamenti li żamm Walter R. Zahra, Segretarju tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara, irregalati lill-awtur minn ibnu Trevor Żahra, il-voti tal-kandidati tal-PDN fid-disa' distrett żviluppaw kif ġej.[22] Agius waqa' mal-11-il għadd u kiseb 94 vot. L-Avukat Attard Montalto kiseb 240 vot. L-Avukat Albert Ganado ġab 538 vot. Amabile Grech waqa' mal-għaxar għadd u kiseb 54 vot. Leslie Grech kiseb 485 vot. Muscat waqgħet kmieni fit-tellieqa u kisbet 24 vot.

Mid-distrett il-PDN ġab total ta' 1,413 vot fil-konfront mas-7,343 tal-PN u t-3,896 tal-MLP. Imma l-PDN mar l-aħjar qalb il-partiti ż-żgħar.

*sergiogrech@yahoo.com*

### Noti

1 Ara l-annwal tas-*Soċ. Fil. Nicolò Isouard*, editur Frans Deguara, 2018;
2 Ara l-annwal tas-*Soċ. Fil. Nicolò Isouard*, editur Frans Deguara, 2018;
3 *PDN Tesserati Volum 4;*
4 *PDN Tesserati Volum 4;*
5 *PDN Tesserati Volum 4;*
6 Ara wkoll Sergio Grech, *Patri Feliċjan Bilocca - ħajtu u żminijietu 1914-1987*, BDL, 2004;
7 *PDN Tesserati Volum 4;*
8 *PDN Tesserati Volum 4;*
9 *PDN Tesserati Volum 4;*
10 Għal iktar tagħraf ara *https://www.mostafootballclub.com/history.php*
11 Għal iktar tagħraf ara *http://www.nicoloisouardmosta.org/storja-2/*;
12 Għal iktar tagħraf ara *http://www.munxarparish.com/il-parrocca/storja/*;
13 Ibid.;
14 Ibid.;
15 Għal iktar tagħraf ara *https://www.timesofmalta.com/articles/view/20161225/life-features/Remembering-Wyndham-Grech-lawyer-and-Malta-s-pioneer-pilot.634853*;
16 Għal iktar tagħraf ara *https://www.timesofmalta.com/articles/view/20180506/business-news/New-addition-to-Chamber-of-Advocates-president-portrait-collection.678376*;
17 Mario Thomas Vassallo, *L-Oratorju Qalb ta' Ġesù bl-Istorja u l-Istejjer Tiegħu* (Malta, Parroċċa Mosta, 2016), p. 101;
18 Michael J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Pajjiżna fl-Isfond Storiku 1800-2013* (Malta, PIN, 2013), p. 394;
19 Ibid., p. 413;
20 Ibid.;
21 Ibid.;
22 Kollezzjoni Sergio Grech.